# Iż-żgħażagħ u d-dinja tax-xogħol

Parlament nazzjonali taż-żgħażagħ 2017

PARTIT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U DINJA TAX-XOGĦOL

Din ir-reżoluzzjoni tal-Partit taż-żgħażagh u d-dinja tax-xoghol giet imfassla bl-intenzzjoni li tkun ta fejda għall-pajjiżna. Dawn il-proposti li aħna qegħdin nipprezentaw huma miftuħa ghal kull tip ta' diskussjoni u nilqghu b'idejna miftuħin kull kritika kostruttiva għaliex l-għan aħħari tagħna huwa dak li ntejbu s-sistema preżenti.

Permezz ta' din ir-reżoluzzjoni qeghdin nuru x-xewqa li nqajmu diskussjoni fuq dan is-suġġett għaliex fl-aħħar mill-aħħar hu fl-interess tagħna ilkoll li tittjieb is-sistema preżenti.

*Partit taz-zghazagh u d-dinja tax-xoghol*

# Indiċi


Ahna x'nemmnu ? pġ 3-4

Kelmtejn mill-koordinatur pġ 5

Kapitli tar-Rezoluzzjoni

- Is-Sistema edukattiva f'pajjiżna pġ 6-7
- Iż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol pġ 8
- Xogħol ghall-istudenti f'livell sekondarju pġ 9
- L-ewwel imjieg pġ 10
- l-apprednistat pġ 11
- Il-Garanzija taz-zghazagh pġ 12-13
- Id-dritt tal-iskonnettjar pġ 14-17
- Survey pġ 18-21

Ringrazzjamenti pġ 22

Parteċipanti pġ 23

## Aħna x'nemmnu ?

Bla dubju l-edukazzjoni hi ċ-ċavetta għas-suċċess, dan għaliex meta wieħed jakkwista livell gholi ta' edukazzjoni ser issib iktar bibien miftuħa sabiex jibni l-karriera tiegħu. F'dan ir-rigward aħna nemmnu li sabiex iż-żgħażagħ tagħna jkunu lesti għad-dinja tax-xogħol huwa importanti li jirċievu edukazzjoni ta' livell għoli. Illum il-ġurnata sfortunament insibu sistema edukattiva fejn qed tħarreg lill-istudenti akkademikament pero mhux qed tagħti t-taħriġ neċċessarju fis-suġġett u dan b'hekk min iħaddem mhux qed issib biżżejjed żgħażagħ li ghandhom l-esperjenza meħtiega.

It-tema tax-xoghol hija waħda kumplessa u b'hekk aħna bħala partit iddeċidejna li niffukaw primarjament fuq iż-żgħażagħ u r-relazzjoni tagħhom mad-dinja tax-xogħol. Primarjament aħna nemmnu li l-bażi ta' kollox hi bla dubju l-edukazzjoni, għalhekk huwa importanti li nipprovdu lil uliedna b'edukazzjoni xierqa u informattiva. Bħalissa ninsabu f'sitwazzjoni fejn is-sistema edukattiva qed tipprepara b'mod tajjeb lill-istudent mill-att akkademiku madanakollu qed tonqos milli tħarreg lill-istudenti dawk magħrufa bħala 'soft skills'. Soft skills jinkludi l-abilta li tkun kapaċi titkellem fil-publiku (Public Speaking). Fi kliem sempliċi aħna nemmnu lis-sistema edukattiva qegħda biss tghallem lill-istudent il-teorija iżda qed tonqos milli tgħallem il-prattika u b'hekk mhux jesponu lill-istudent ghal sitwazzjonijiet reali u għalhekk mhux jagħtuh il-kapaċita li jsolvi ċertu problemi b'sens ta' prattiċita' razzjonali.

F'din ir-reżoluzzjoni li aħna bħala l-partit taż-żgħażagħ u d-dinja tax-xogħol qegħdin nipprovdu proposti konkreti li jekk jidħlu fis-seħħ ser ittejbu l-ħajja ta' dawk li qegħdin jippruvaw jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Nemmnu ukoll li dan it-tibdil ser ikun wieħed effettiv tant li jżid il-produzzjoni min-naħa tal-ħaddiem u jtejjeb ir-relazzjoni bejn l-impjegati u min iħaddem.

Fl-aħħar nett qed jgħixu f'dinja li kulma jmur qed tinbidel u b'hekk wasal iż-żmien li ċertu sistemi li kienu ta' fejda fil-passat jinbidlu għaliex illum il-ġurnata jixraq li naddottaw metodi li jgħinuna sabiex naffaċjaw u nelgħbu l-isfidi tal-llum.

## Kelmtejn mill-koordinatur.

Bħala addolexxenti li niffurmaw l-Partit taż-żagħzagħ u d-dinja tax-xogħol, il-proposti li ħriġna bihom huma frott esperjenzi li aħna jew għadd ta' persuni li tkellimna magħhom għaddew minnhom sabiex bdejna nisstabilixxu ruħna fid-dinja tax-xogħol.

Minkejja l-impejni li aħna ż-żgħażagħ jkollna peress li ninsabu fil-vaganzi tas-sajf xorta sibna l-ħin sabiex niltaqgħu u nirricerkaw fuq dan is-suġġett. Għal dan il-għan tkellimna ma professjonisti f'dan il-qasam kif ukoll ma' studenti bhalna u għamilna survey sabiex nistaqsu lil publiku ġenerali domandi rigward il-hajja tax-xogħol tagħhom.

Ir-Reżoluzzjoni tagħna tiffoka primarjament fuq L-edukazzjoni, ix-xogħol u l-garanzija taż-żgħażagħ. Din ir-reżoluzzjoni hija prodott li jiena u sħabi ilna naħdmu fuqha għal dawn l-aħħar xahrejn li għalkemm m'aħniex esperti f'dan il-qasam għamilna ħilitna kollha sabiex noħorgu bi proposti konktretti li l-għan tagħhom hu li jtejbu s-sistema preżenti. Nemmen li hemm bżonn aktar rriċerka fil-fond u dettal manadkollu nemmen bi sħiħ li ħdimna kemm flaħna sabiex iwasslu reżoluzzjoni b'saħħitha li tagħti proposti konkretti u li jistgħu jiġu implimentati.

Minkejja d-difetti li jista' jkollha din ir-reżoluzzjoni nagħrfu li l-iskop tagħha hu li twassal l-ideat u l-vuċi tagħna. B'hekk din ir-reżoluzzjoni għandha tkun il-punt ta' tluq għal diskussjoni sejra għaliex flimkien nemmen li aħna kapaċi nagħmlu d-differenza.

## Is-sistema edukattiva f'pajjizna

Fil-preżent is-sistema edukattiva ta' pajjiżna tibbaża ħafna fuq il-preparazzjoni tal-istudenti għall-eżamijiet u sussegwentament din l-istess sistema mhijiex tħalli l-frott mixtieq f'dawk li huma ħiliet li jgħinu lill-persuna tkun adult b'ħiliet maturi ewlenin fost il-ħiliet li s-sistema edukattiva tagħna mhux jirnexxielha tittrażmetti lill-istudenti huma il-ħiliet bażiċi relatati mad-dinja tax-xogħol. Il-konsegwenza ta' meta l-istudenti ma jiġux mgħallma dawn il-ħiliet waqt iż-żmien li fih ikunu qegħdin jieħdu l-edukazzjoni hi li dawn iż-żagħżagħ ma jkampawx mal-isfidi l-ġodda li jiffaċċjaw meta jibdew xi impjieg.

Preżentament ħiliet bħall-abbilta' li żgħażugħ jew żgħażugħa ikunu kapaċi jimlew il-*Curriculum Vitae* (CV) tagħhom sew b'mod independenti u l-abbilta' li żgħażugħ jitħarreġ sew dwar kif ghandu jipprezenta ruħu għall-intervista li ssir minn min iħadddem, pereżepju ħiliet fit-taħdit fil-pubbliku, ma huma jiġu mogħtija l-ebda importanza. Il-proposti tagħna għandhom l-għan aħħari li l-istudenti jiġu mħarrġa waqt iż-żmien ta' edukazzjoni tagħhom mhux biss għall-eżamijiet iżda wkoll sabiex jippreparaw irwieħhom sewwa għad-dinja tax-xogħol.

Skont staħarriġ li sar mill-Partit taż-Żagħżagħ fid-Dinja tax-Xogħol li kien imwieġeb minn 53 żgħażugħ jew żgħażugħa filfatt jirriżulta li sbatax fil-mija ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qatt ma ġew mgħallma kif jippreparaw il-Curriculum Vitae tagħhom stess u kif jippreżentaw irwieħhom b'mod preparat għal intervista li ssir minn min iħaddem filwaqt li 47.2 fil-mija wieġbu li ġew mgħallma mill-iskola kif jippreparaw il-Curriculum Vitae tagħhom u kif jippreżentaw irwieħhom għal intervista li ssir minn min iħaddem. Dan juri li inqas min-nofs ta' dawk li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ ġew mgħotija dawn il-ħiliet neċessarji mill-iskola u din hi rata li jeħtieġ li tiġi indirizzata. Jirriżulta ukoll li 18.9 fil-mija ġew mgħallma mill-iskola kif jippreżentaw ruħhom sew għal intervista li ssir minn min iħaddem biss filwaqt li 15.1 fil-mija ġew mgħallma mill-iskola kif jimlew Curriculum Vitae. 86.8 fil-mija jaqblu mal-proposta tagħna għaliex jemmnu li kieku dawn il-ħiliet ġew mgħallma fl-iskola sekondarja kieku kien ikun ferm iżjed faċli għaż-żagħżagħ biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Saħansitra parteċipant partikolari qalilna li jkun ferm aħjar li kieku fl-iskejjel jiġu mgħallma materji bħal kif taħdem is-sistema' ta'taxxa f'Malta, responsabbilitajiet u dmirijiet kif ukoll ħiliet li jgħinu lill-istudenti ikunu bilgħaqal fil-mod kif jużaw flushom minflok suġġetti li fil-fehma ta' dan il-parteċipant partikolari mhumiex neċessarji bħat-tipi differenti ta' ħamrija fil-gżejjer Maltin.

Din l-istqarrija fiha x'tixtarr għaliex turi li xi żagħżagħ jaħsbu li f'pajjiżna hawn bżonn ta' riforma fis-sistema' edukattiva. F'domanda oħra 40 fil-mija tal-parteċipanti wieġbu li ppruvaw japplikaw għal impjieg iżda jaħsbu li ma ntgħażlux għax ma kienux preparati biżżejjed għall-intervista li ssir minn min iħaddem

<u>Proposta kif tiġi prattikata</u>

1.Din il-proposta għandha l-intenzjoni li tinforza bil-liġi kull entita' edukattiva sabiex jirriformaw il-kurrikulu tagħhom kif emendat bil-liġi proposta li tinkludi fl-aħħar snin tal-edukazzjoni sekondarja dawn i-riformi:
a) Studenti tar-raba' jew tal-ħames sena tal-iskola sekondarja f'kull entita' edukattiva kif indikat fil-liġi proposta jeħtieġu taħriġ dwar kif wieħed għandu jimla *Curriculum Vitae* bl-għan ewlieni ta'din il-liġi proposta tkun it-tħejjija ta' żagħżagħ b'kapaċita' li jidħlu fl-ekonomija u jimmeritaw impjieg deċenti.

b) Studenti tar-raba' jew tal-ħames sena tal-iskola sekondarja f'kull entita' edukattiva kif indikat fil-liġi proposta jingħataw l-opportunita' ta' intervista simulattiva bl-għan ewlieni ta' din il-liġi proposta tkun it-tħejjija ta' żagħżagħ b' kapaċita' li jidħlu fl-ekonomija u jimeeritaw impjieg deċenti.
ċ) Uffiċjal edukattiv għandu jingħata l-inkarigu li jinforza l-liġi proposta b'mod sħiħ f'kull entita' edukattiva.

Il-konsegwenzi ta'din il-proposta għandhom ikunu li studenti li waslu fl-aħħar snin tal-eta' obbligatorja għall-edukazzjoni (sittax-il sena kif stabbilit bl-att tal-Edukazzjoni fil-liġi Maltija) ikunu ppreparati b'mod aħjar għad-dinja tax-xogħol billi jkunu mħarrġa sabiex jippreparaw il-Curriculum Vitae (CV) tagħhom stess hekk kif imħarrġa fl-iskola sekondarja rispettiva tagħhom u billi jkunu kapaċi jippreparaw ruħhom sew sabiex jilħqu l-aspettattivi ta' intervista li ssir minn min iħaddem

**Iż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol**

Sit eletroniku biex ikun ta aċċess minn żgħażagħ b'informazzjoni fuq drittijiet li jkollohom fuq il-post tax-xogħol.

Meta żgħażugħ jiġi biex jidħol fuq il-post tax-xogħol ħuwa id-dmir tiegħu li jkun jaf id-drittijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Id-Diffikulta hija li f'ċertu sitwazzjonijiet meta żgħażugħ jidħol fid-dinja tax-xogħol jista jkun li jiġi miċħud minn ċertu drittijiet tiegħu. Għalhekk wieħed għandu jkollu aċċess faċli sabiex ikun jaf id-drittijiet tiegħu. Il- Leġislatura ta' Malta tista tiġi aċċesata minn fuq is-sit elettronika http://www.justiceservices.gov.mt/. Għalkhemm din is-sit għanda 'Search Engine' mijhiex effiċjenti li kapaċi tfittex parti mill-leġislatura b'sempliċi mod li tikteb ftiet kliem u jitla' dak li jkun relatat. Il-leġislatura dwar l-Impieg taż- Żgħażagħ hija miktuba b' *format* deskritt u bi kliem tekniku. Dan il-format huwa diffiċli biex jiġi aċċessat miż-żgħażagħ li meta jidħlu fuq is-sit elettronika isibuwha diffiċli biex isibu dik parti li hija relevanti għall-dak li qed isibu.

**Kif il-proposta ser tiġi prattikata:**

2. Sit eletroniku jiġi moħluq li jinkludi id-drittijiet li jikkonċernaw iż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol. Dan is-sit għandu jkollu dawn id-drittijiet simplifikati fi kliem iżjed sempliċi u li wieħed jkun jista' jfittex b'mod li jniżżel *keywords* relatati ma dak li jkun qed ifittex l-individwu.

Din tista tiġi iffurmata minn esperti ta' teknoloġija kif ukoll minn studenti universitarji li l-istudju tagħhom jinkludi l- IT. Bil-formazzjoni ta' din is-sit ħafna student ser jibbenefikaw minn aċċess faċli dwar il-leġislatura fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll isiru familjari mad-dritijiet u dmirijiet tagħhom faċilment.

## Xogħol għal studenti f’livell sekondarju

F’malta tezisti realta’ fejn zaghzagh li jkunu temmew l-edukiazzjoni f’livell sekondarju izda ikunu ghadhom taħt is-sittax-il sena ma jithallwex jaħdmu fis-sajf. Dan ghaliex ma jkollhom l-ebda rikkonoxximent li temmew b’suċċess l-edukazzjoni tagħhom fil-livell sekondarju.

Tajjeb illi ngħidu li jekk student ikun għadu ma għalaqx is-sittax-il sena tezisti proċċedura beurokratika fejn l-istudent iggib għadd ta’ firem mill-iskola u d-dipertimenti tal-gvern. Għalkemm dan il-proċess huwa ta’ fejda għaliex jirregola l-abbuzi, kif sejjemna qabel hu proċess beurokratiku u kkumplikat li qed jaqta qalb ħafna li jixtiequ li jaħdmu. Jekk dan il-proċess ma jiġix immodifikat jista’ jagħti lok għal abbuzi min-naħa ta’ min iħaddem għaliex iħaddem lil dawn l-istudenti bla ktieb u saħansitra r-rata li jiġu mhallsa biha tkun waħda baxxa minn dik stipulata.

Proposta

3. Bħala l-partit taż-żgħażagħ fid-dinja tax-xogħol, aħna qegħdin nipproponu biex iż-żgħażagħ ta’ sittax-il sena jkunu trattati b’mod ugwali biex jonqos l-impjieg ta’ bla ktieb u anke sabiex jonqos il-proċess burokratiku li jridu jgħaddu minnu studenti li għalkemm temmew l-istudju sekondarji tagħhom għadhom m’għalqux sittax-il sena u b’hekk skont il-liġi ma jistgħux jaħdmu għaliex għaddhom jidhru bħala adoloxxenti taħt l-eta’.

## L-ewwel Impjieg

Bħalissa f' Malta, il-kollaborazzjoni bejn min iħaddem u min iħarreġ mhijiex ottima u mhijiex daqstant estensiva. Dan iwassal għal telf jew dewmien tal-espressjoni tal-abbiltajiet tal-individwu bl-aħjar mod possibbli. Filwaqt li jidher li hemm kollaborazzjoni sinifikanti bejn entitajiet pubbliċi ta' taħriġ u ta' impjieg (per eżempju tobba u infermiera li jiggradwaw minn università pubblika, isibu impjieg fis-settur pubbliku tas-saħħa b' mod awtomatiku u skont sistema li tirrifletti ir-riżultati tal-individwu bħala student) hemm lok għall-iżvilupp serju ta' strutturi li jakkomodaw u jirregolarizzaw kollaborazzjoni effettiva u effiċjenti bejn l-entitajiet kollha, kemm pubbliċi kemm privati.

Proposta:
4. Nipproponu sistema jew inizzjattiva li permezz tagħha jsiru ftehim bejn min iħaddem u l-awtorità responsabbli għall-korsijiet rispettivi, l-istudenti li jiksbu l-aqwa marki jingħataw opportunitajiet ta' xogħol permanenti minn min iħaddem, skont il-bżonnijiet ta' min iħaddem u skont dak li jara min iħaddem f' xi intervista (jekk jiddeċiedi li intervista hija neċessarja). Din l-inizzjattiva ma torbotx lill-istudent li jieħdu dak ix-xogħol offrut; f' dak il-każ, l-istudent li jmiss jiġi offrut il-post.

Riżultat:
Permezz ta' din il-proposta, min iħaddem ikun moħħu mistrieħ li l-individwi li jimpjega huma l-aqwa "gradwati ġodda". 'Il fuq min hekk, l-inizzjattiva lejn l-istudju huwa mistenni li jiżdied minħabba l-fatt li jkun involut xogħol assigurat u stabbli. Barra min hekk, dawn l-individwi li jkunu l-aktar kapaċi f' dak li jkunu studjaw, din l-abbiltà tagħhom tiġi utilizzata ċertament u bla telf ta' żmien, u sal-massimu tagħhom. Importanti li nisħqu l-fatt li l-għan ta' din il-proposta mhuwiex li jwaqqaf dawn l-istudenti milli jkomplu l-edukazzjoni u l-formazzjoni tagħhom, iżda li il-kapaċità eċċezzjonali (dawn ikunu l-istudenti li kisbu 'l għola marki fil-kors) kollha tagħhom tiġi użata mill-aktar fis possibbli għall-ġid tagħhom infushom, ta' min iħaddem, u tas-soċjetà kollha, u mhux ikollhom għaliex jgħaddu żmien, possibbilment twil, ifittxu impjieg u jagħmlu xogħol li ma jużax il-kapaċità tagħhom sal-massimu possibbli.

## Apprendistati

L-apprendistati suppost jiffaċilitaw it-triq mill-edukazzjoni għax-xogħol. Dawn għandhom jkollhom element qawwi ta' taħriġ jew tagħlim meta fir-realtà, ħafna drabi jintużaw biex jipprovdu xogħol irħis, jew saħansitra mhux imħallas.

Madwar 61% tal-gradwati universitarji madwar l-Ewropa għamlu mill-inqas apprendistat wieħed. Uħud minn dawn l-apprendistati joffru taħriġ jew tagħlim ta' livell għoli iżda oħrajn huma marbuta ma' studju.

Forma speċifika ta' xogħol prekarju għaż-żgħażagħ hija l-użu ħażin ta' apprendistati għax huma użati bħala ħaddiema li jigu mħallsa b'rata baxxa jew saħansitra f'ċertu kaizijiet ma jigux imhallsa. Studju tal-Kummissjoni Ewropea fl-2013, ibbażat fuq intervisti ma' 12,921 żgħażugħ, sab li 46% kienu għamlu mill-inqas apprendistat wieħed, bħal ma kellhom 61% tal-gradwati. Dawn jistgħu jkunu saru f'perjodu qasir, b'taħriġ, iżda ħafna drabi jammontaw għal perjodu ta' prova mhux imħallas jew mħallsin paga baxxa aktar mill-paga minima.

Minn statistika li ħarġet fl-2013 dwar l-apprendistati, f'Malta kien hawn 12-il zaghugh li bbenefika minn apprendistat wieħed u 45-il zaghzugh li bbenefikaw minn tnejn jew aktar.

Proposta

5. Bħala partit aħna qeghdin nipproponu biex dawn jibdew jiġu mħallsa pro rata għall-paga minima. Dan sabiex iż-żagħżagħ ma jigux sfruttati u jitnaqqsu l-abbużi li qed issiru fis-sistema preżenti.

## Il-Garanzija taż-żgħżagħ

F' April 2013, membri tal-Unjoni Ewropeja ħassew il-bżonn li niedu skema fejn żgħażagħ jkunu jistghu jsibu xoghol iktar facilment. B'hekk introducew skema maghrufa ahjar bħala Il-Garanzija taż-żghażagh.

L-iskema tal-Garanzija taż-żghażagh hu ftehim li sar bejn il-membri kollha tal-Unjoni Ewropea sabiex tassigura li żgħazagħ taħt il-ħamsa u għoxrin sena jirċievu offerti ta' kwalita għolja fejn jidħlu l-apprendistati, edukazzjoni f'livell terzjarju u impjieg.

L-unjoni Ewropea tagħti fondi lil pajjiżi membri sabiex dawn użaw dawn il-fondi sabiex jghinu lill-studenti jkunu mħarġa sew għad-dinja tax-xogħol.

Kif qed jintuzaw dawn il-fondi f'livell nazzjonali ?

Il-gvern Malti ddeċida li juza parti minn dawn il-fondi sabiex jaghti klassijiet ta revizjoni b'xejn ghal dawk l-istudenti li ma ghaddewx mill-ezamijiet f'livell ordinarju f'suġġetti bhal Malti, Matematika, Ingliż u xjenza. Dan qed issir sabiex inaqqas il-pressjoni fuq il-ġenituri li jridu jaghmlu tajjeb ghal lezzjonijiet fis-sajf sabiex uliehdom ikunu preparati ghar-'resits'. Madanakollu l-għan ewlieni ta' din l-inizzjattiva hi sabiex l-istudent ma jaqtax qalbu u b'hekk ikompli l-edukazzjoni tiegħu sabiex 'il quddiem issib xoghol tajjeb. Dan sar għaliex minn surveys li saru nstab li għadd ta' studenti ma jkomplux l-edukazzjoni f'livell sekondarju għaliex ma jghaddux mill-eżamijiet f'livell ordinarju.

Parti oħra ta' minn dawn il-fondi qed tintuza għal skema magħrufa bħala NEET Activation Scheme II fejn  l-għan primarju hu li żgħażagħ li għal xi raġuni jew oħra inqatghu mid-dinja tax-xogħol jew minn dik edukattiva reggħu jintegraw ruħhom. F'din l-iskema ż-żghażagh jinghataw għajnuna individwali kif ukoll erbghin siegħa ta' assistenza personalizata minn youth workers u tmenin siegha ohra ta' training motivazzjonali u ta' imgieba fejn jinghataw taħriġ kif

- Jiktbu Curriclum Vitae (CV)
- Communication skills

Dan kollu hu immirat sabiex jghinu liz-żagħżugh jiżżviluppa l-ħiliet neċċessarji kemm bħala membri tas-soċjeta' izda ukoll bhala impjegati prospettivi. Wara din l-ewwel fażi dawn iż-żgħażagħ jigu mogħija l-opportuniuta ta' traineeship. Tajjeb li nghidu li fiż-żewġ kazijiet il-parteċipanti rċievu allowance li tiġi ekwivalenti għal mimmum wage.

*Prospota*

6. Għalkemm din il-Garanzija taż-żagħżagħ għandha l-għan li ttejjeb l-opportunijiet tax-xogħol għaż-żagħżagħ huwa essenzjali li jsir moneteraġġ dawn kif dawn il-fondi qegħdin jiġu uzati u saħansitra jekk l-iskemi humiex iħallu r-riżultat mixtieq. Preżentement isir moneteraġġ kull tlett snin madanakollu aħna bħala Partit nisħqu li dan il-monetraġġ għandu għandu jsir kull sentejn sabiex b'hekk dan il-moniteraġġ ikun aktar ta' fejda.

7. In oltre aħna qeghdin nipproponu li dawn il-lezzjonijiet jkunu jistghu jsiru permezz ta online course fejn il lezzjonijiet jkunu rekordajti u l-individwu jista jara il-lezzjoni meta jkun jista sabiex b'hekk ikunu qed jagħmlu s-sistema iktar flessibli.

Id-Dritt tal-Iskonnettjar

Meta wiehed isemmi d-dinja tax-xoghol huwa probabbli li jinqalghu certi Ilmenti dwar is-suġġett. Wieħed minn dawn l-ilmenti, li lkoll smajna bih  xi darba jew ohra, huwa l-fatt li hafna huma dawk li wara li jkunu temmew l-gurnata tax-xoghol taghhom qeghdin jispiccaw jahdmu wara l-hinijiet tax-xoghol id-dar jew f'kwalunkwe post iehor. Dan qieghed iwassal ghal inqas ħin liberu mal-familja  u ta' rilassar li huwa essenzjali u vitali ghal ħajja sana.

Minn riċerka li saret jidher li fix-xena lokali din hija s-sitwazzjoni prezenti. Infatti aħna bħala partit nedejna'online survey' li seħħ fi zmien ta' erbghin gurnata u li hadu sehem fih 527 persuna ta' nazzjonalita` Maltija. Dawn kellhom iwiegbu 10 mistoqsijiet. Dan is-survey gie mxerred fuq is-siti tal-Internet kif ukoll fuq 'newsletters' ta' membri tal-For.U.M. u fuq siti online tal-gazzetti.

Wahda mill-mistoqsijiet kienet jekk x-xoghol taghhom jirrikjedix l-uzu tal-kompjuter. Ghal din il-mistoqsija 96.96% wiegbu fl-affermattiv.

Meta l-partecipanti ġew biex iwiegbu d-domanda li tikkoncerna b'mod espliċitu jekk dawn jahdmux wara s-sigħat tax-xoghol 60% tal-partecipanti wiegbu li dan iseħħ spiss, 28.32% wiegbu li dan isehh xi kultant, 8.51% wiegbu li dan rari jseħħ u 3.17% biss wiegbu li dan qatt ma jseħħ. Ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi li 96.83% tal-partecipanti li ħadu sehem f'dan is-survey jaħdmu wara l-ħin tax-xoghol.

Meta dawn il-partecipanti wiegbu minghand min jircievu emails relatati max-xoghol , minn total ta 527 partecipant, 519 wiegbu ghal din il-mistoqsija u 74.95% minnhom qalu li jircievu dawn it-tip ta' emails minghand is-senior management u l-kollegi taghhom. Ghal mistoqsija li saqsiet lil dawn il-parteceipanti jekk jiccekkjawx emails relatati max-xoghol u li jwiegbuhom wara l-hin tax-xoghol,  96.57% tal-partecipanti wiegbu li jiccekkjaw u jwiegbu l-emails spiss wara l-hin tax-xoghol.

Dan juri kemm il-haddiema Maltin qeghdin jispiccaw ikomplu jahdmu wara l-hin tax-xoghol u ghaldaqstant qeghdin ikollhom hafna nqas hin liberu u ta' rilassar li huwa necessarju sabiex wiehed jevita certi problem relatati perezempju mas-sahha mentali.

Ghall-mistoqsija li saqsiet lill-partecipanti jekk jiccekkjawx dawn l-emails matul il-weekend  total ta' 95.06% wiegbu li jiccekkjaw u jwiegbu l-emails b'xi mod jew iehor matul il-weekend. Dan il-persentagg gholi jkompli jsahhah il-punt li l-haddiema Maltin mhumiex qeghdin ikollhom hin liberu , u dan igib hafna riperkussjonijiet u hafna stress zejjed fuq il-haddiem. Qieghed ukoll jinterferixxi mal-hajja socjali tal-haddiem li hija important fil-hajja tal-bniedem ghaliex il-bniedem huwa fih innifsu bniedem socjali, kif sostna l-filosfu Aristotle.

Minn dak li qed jintwera mis-survey il-haddiema Maltin mhux talli qeghdin jahdmu s-sighat li huma obbligati li jahdmu matul il-gimgha talli qeghdin jahdmu aktar milli suppost. Jekk ic-cittadin responsabbli jaghti titwila lejn il-Kostituzzjoni ta'Malta, l-oghla ligi tal-pajjiz u jhares lejn klawzola 13 numru 2 din tghid hekk :

The worker is entitled to a weekly day of rest and to annual holidays with pay; he cannot renounce this right.

Mhux talli l-bicca l-kbira tal-haddiema Maltin m'ghandhomx kif inhi msejha 'weekly day of rest' pero` qeghdin jispiccaw vittmi ta' sighat ta' xoghol 'extra' matul il-hin liberu taghhom. Dan qieghed jirrizulta f'effetti negattivi bhal per ezempju, il-haddiem , tant kemm qieghed jahdem wara s-sighat tax-xoghol li f'waqt is-sighat fejn huwa verament obbligat li jrid jahdem qieghed jispicca ezawst u l-koncentrazzjoni tieghu tkun baxxa hafna. Dan jista' jwassal ghal iktar zbalji fix-xoghol tieghu.

Anke meta l-haddiem ikun marid , skont is-survey, qieghed ikollu jirrispondi l-emails marbutin max-xoghol. Infatti, total ta' 95.83% persuna qalet li hadmet b'xi mod jew iehor waqt li kienet ma tiflahx. Hawnhekk wiehed jinnota s-sitwazzjoni xokkanti u realistika ghall-ahhar fejn lanqas meta wiehed ma jkunx f'sitwazzjoni ta' sahha tajba ma jkun jista' jiehu l-hin tieghu sakemm jerga' jirpilja u jmur lura ghax-xoghol.

Ghalhekk minn dan is-survey wiehed jista' jara kemm il-haddiema Maltin verament qeghdin jahdmu hafna sighat iktar milli dawk li kienu miftehmin fuq il-kuntratt tax-xoghol taghhom.

Naturalment, hemm diversi fatturi ohra li jistghu jwasslu ghall-haddiema sabiex jirrispondu l-emails tax-xoghol ghaliex illum il-gurnata saret bhal ossessjoni li wiehed jaghmel dan. Pero` anke dan qieghed iwassal sabiex jitkattru l-problemi tas-sahha mentali tal-individwu specjalment meta wiehed minhabba l-ossessjoni tieghu jinforza lilu nnifsu sabiex jahdem anke meta jkun ma jiflahx. Sfortunatament, instab li dan qieghed iwassal ukoll sabiex wiehed ikollu sens ta' htija jew 'guilt feeling' meta wiehed ma jirrispondix l-emails tax-xoghol li bla dubju ghandu l-effetti negattivi tieghu fuq is-sahha mentali tal-haddiem.

Proposta

8. Ghalhekk, bhala grupp qeghdin nipproponu sabiex *istituzzjonijiet tan-negozji jew il-manager/s ta' entitajiet publici jew membru tal-korp governattiv ghandu jippartecipa f'policy fejn ma jkollux l-kunsens li jaghmel kuntatt mal-impjegati tieghu bl-uzu ta' komunikazzjoni elettronika wara l-hin tax-xoghol, perjodi fejn il-haddiem ma jkunx qieghed fi stat ta' sahha stabbli kif ukoll perjodi ta' vakanza. Ghaldaqstant, l-oghla amministrazzjoni /l-manager tal-entitajiet ghandhom ikunu responsabbli ghas-success tal-implimentar ta' din il-policy u ghandha tkun fil-qasam ta 'responsabbiltà tiegħu / tagħha li timmonitorja li l-kontrolli stabbiliti qed jaħdmu b'mod effettiv*. Dan ghandu jigi miftiehem meta wiehed jisma' l-frazi 'Id-Dritt tal-Iskonnettjar'.

Bl-implimentazzjoni ta' policy bhal din wiehed ikun qieghed jevita stress zejjed fuq il-haddiem, li l-haddiem ikun ezawst u l-koncentrazzjoni tieghu tkun baxxa hafna fil-hin tax-xoghol, u diversi problemi relatati mas-sahha tal-individwu. Dan huwa ghaliex nemmnu li din hija proposta li ghandha tigi implimentata mill-aktar fis possibbli.

Analizi tal-online survey li nedejna bħala partit sabiex nistaqsu ftit lil publiku ġenerali mistoqsijiet realtati mad-dinja tax-xogħol.

1.Which age group do you fall under?




Dan l-istħarriġ sar minn 53 persuna; 84.9% 14-17-il sena, 9.4% 18-23 sena; 5.7% 30-35 sena. L-istatistika turi li l-kampjun tan-nies li pparteċipaw f'dan is-servej (statistika) tirrifletti l-livell ta' għarfien li ngħataw mill-iskola l-istudenti li għadhom qed jipperparaw għad-dinja tax-xogħol

2. Do you know your legal work rights?




Minn 52 persuna 39.6% ma jgħafux id-drittijiet tagħhom fil-post tax-xogħol. Għalkemm jidher numru żgħir, din l-istatistika hija 0.02% taż-żgħażagħ ta' Malta kollha, jekk issir stħarriġ fuq skala ikbar niggarantixxu riżultat xokkanti ħafna.

2a. If yes,




Għalhekk hemm bżonn li dawn id-drittijiet jiġu mgħallma l-iskola. Stħarriġ juri li biss 39.4% ġew mgħallma id-drittijiet l-iskola. U 15% qas biss kienu jafu drittijiet tagħhom meta daħlu jaħdmu.

3. Does/did your school teach/taught you how to form a proper CV or how to properly behave during an interview?




52.8% ma kienux mgħallma sew kif iġġib ruħek waqt intervista tax-xogħol u kif jiktbu CV dawn huma karatteristiċi pjuttost importanti meta tiġi fil-ħajja reali, u sfortunatament is-sistema edukattiva ta' Malta ma tgħallimx dan. Parteċipant li jaqbel magħna, qal *"Fix the education system so we learn what we'll need in the future rather than useless topics like the different types of soil in the Maltese Islands. We should learn more about taxes, handling money, responsibilities...etc"*. 86.8% jaqblu li kieku dan ġie mgħallem l-iskola forsi kienet tkun ferm iħaffef biex isibu xogħol.

4b.If you chose 'I tried applying but was not accepted' is it because;




40% ħassewhom marru ħażin waqt l-interview minħabba li ma tgħallumux kif iġibu ruħhom waqt interview. Dan juri li s-sistema edukattiva qed titwassal b'mod akkademiku iżda mhux b'mod applikat. Iż-żgħażagħ qed iħossuhom mhux kapaċi jipprattikaw dak li tgħallmu l-iskola.Din mhux biss importanti għall-individwu imma bħala nazzjon, jekk iż-żgħażagħ tagħna jafu jitkellmu b'kunfidenza meta jmorru barra mill-pajjiż biex jirrappreżentaw lil Malta se tirrifletti fil-pożittiv fuq il-pajjiż.

5. do you think the process of getting a job is too long for those under 16 and should go back to just getting a letter from the school?




62.2% jaqblu li l-proċess li jridu jgħaddu minnu żgħażagħ taħt is-16-il sena hija twila għalxejn din hi l-raġuni għala ħafna żgħażagħ jaħdmu mingħajr ktieb tax-xogħol. Parteċipant li jaqbel ma’ dan, qal *“The process for under 16s to start working is too long, and there are unnecessary restrictions such as not being able to work more than 8 hours and not being able to work on weekends amongst other things.”*

# *Ringrazzjamenti*

Lil Graham Sansone

tal-għajnuna tiegħu sabiex inkunu nistgħu noħorġu b'dawn il-proposti.

# Patreċipanti

Aguis Davinia

Borda Aaron

Bartolo Leon

Buttiġieġ Matthias

Cassar Xandru – Vici Ko-ordinator

Fenech Mariah Ann

Gauci Sean

Nwoko Natalia

Pace Michela- Ko-ordinatriċi

Pulis Alessia

Vella Luke